VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,356, 12 ta' Diċembru, 2014
Taqsima B

A.L. 450 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Education (Honours) – B.Ed. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Education (Honours) - B.Ed. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Education (Honours) - B.Ed. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 24 tal-2006, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2015 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok is-sottoparagrafu (ċ)(v) tal-paragrafu (5) tal-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(v) għall-Edukazzjoni Fiżika:

(1) għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad Ċ jew aħjar f'xi żewġ suġġetti, għaddew minn test ta' profiċjenza fl-edukazzjoni fiżika miksub fl-istess sena ta' meta jissottomettu l-applikazzjoni, ikollhom ċertifikat mediku, skont il-formola preskritta mill-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport, li timtela fl-istess sena meta jissottomettu l-applikazzjoni, u jippreżentaw portfolio bħala evidenza tal-interess u l-impenn tagħhom għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport;

(2) L-applikazzjonijiet għall-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-Edukazzjoni Fiżika għandhom ikunu aċċettati wkoll minn persuni li m'għandhomx ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikat fir-Regolamenti tad-Dħul iżda li:

(a) għandhom l-MCAST-BTEC Extended Diploma (Development, Coaching & Fitness) b'DDD (fejn D tfisser Distinzjoni) jew b'DDM (fejn M tfisser Mertu); u

(b) għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad Ċ jew aħjar fi kwalunkwe suġġett ħlief l-Edukazzjoni Fiżika; u

(ċ) għaddew fiċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 5 jew ogħla fil-Lingwa Ingliża, fil-Malti u fil-Matematika; u

(d) kisbu ċertifikat li juri li għaddew mill-European Computer Driving Licence (ECDL) Standard Certificate; u

(e) għaddew minn test ta' proficjenza fl-edukazzjoni fiżika magħmul fl-istess sena meta jissottomettu l-applikazzjoni; u

(f) għaddew minn test mediku, skont il-formola preskritta mill-Istitut għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport, meħud fl-istess sena meta jissottomettu l-applikazzjoni u jippreżentaw *portfolio* bħala evidenza tal-interess u l-impenn tagħhom għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport; u

(g) ikunu għaddew fit-test ta' proficjenza fl-Ingliż, approvat mill-Fakultà. L-applikanti jkunu eżentati milli joqogħdu għat-test ta' proficjenza fl-Ingliż jekk ikunu għaddew fiċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 3 jew ogħla, jew fil-Livell Intermedju bi Grad Ċ jew ogħla, jew fil-Livell Avvanzat bi Grad Ċ jew ogħla fl-Ingliż."

4. Minflok is-sottoparagrafu (d) tal-paragrafu (5) tal-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(d) għaddew fit-test ta' proficjenza fl-Ingliż approvat mill-Fakultà. L-applikanti jkunu eżentati mit-test ta' proficjenza fl-Ingliż jekk ikunu għaddew fiċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 3 jew ogħla, jew fil-Livell Intermedju bi Grad Ċ jew ogħla, jew fil-Livell Avvanzat bi Grad Ċ jew ogħla fl-Ingliż; u"

5. Minflok is-sottoparagrafu (d) tal-paragrafu (7) tal-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(7) L-applikanti li ma jgħaddux mit-testijiet ta' proficjenza fl-Ingliż u fil-Malti (fejn applikabbli) u li mhumiex eżentati minnhom skont il-provvedimenti ta' dawn l-ordinamenti, u/jew ma jkunux kisbu l-ECDL sat-30 ta' Settembru, ma jistgħux jitħallew jidħlu fil-Kors."